

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1243/2008

tat-12 ta' Diċembru 2008

li jemenda l-Annessi III u VI tad-Direttiva 2006/141/KE dwar il-kundizzjonijiet għall-kompożizzjoni ta' xi formuli ta' ħalib tat-trab għat-trabi

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/398/KEE tat-3 ta' Mejju 1989 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar l-oġġetti tal-ikel intiżi għall-użu nutrizzjonali partikolari (<sup>1</sup>), u partikolarment it-tieni inċiż tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 4(1) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/141/KE tat-22 ta' Diċembru 2006 dwar il-ħalib tat-trab għat-trabi u formuli tal-prosegwiment u li temenda d-Direttiva 1999/21/KE (<sup>2</sup>) tistabbilixxi *inter alia* kriterji għall-kompożizzjoni tal-formoli tal-ħalib għat-trabi.
- (2) Id-Direttiva 2006/141/KE ttiprovdi li s-sostanzi mniżżlin fl-Anness III mehmuż magħha biss jistgħu jintużaw fil-manifattura tal-formuli tal-ħalib għat-trabi sabiex ikunu sodisfatti l-kundizzjonijiet dwar *inter alia* l-aċti amini u komposti oħra tan-nitroġenu.
- (3) L-Anness III ta' dik id-Direttiva għandu jkun emendat biex jippermetti l-użu tal-arkinina-L u l-idrokloridu tagħha fil-formuli tal-ħalib tat-trab għat-trabi.
- (4) Id-Direttiva 2006/141/KE ttiprovdi wkoll li l-ħalib tat-trab għat-trabi magħmul mill-idrosilati tal-proteina li huma definiti fil-punt 2.2 tal-Anness I mehmuż magħha li fihom kontenut ta' proteina bejn il-minimu u 0,56g/100 kJ (2,25g/100 kcal) għandhom jaqblu mal-ispeċifikazzjonijiet xierqa stipulati fl-Anness VI. Dan l-Anness jistipula l-ispeċifikazzjonijiet għall-kontenut u s-sors tal-proteina u l-ipproċessar tal-proteina użata fil-manifattura tal-ħalib għat-trabi magħmul mill-idrosilati tal-proteini tax-xorrox li ġejjin mill-proteina tal-ħalib tal-baqar.
- (5) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1609/2006 tas-27 ta' Ottubru 2006 li jawtorizza għal perjodu ta' sentejn (<sup>3</sup>) it-tqegħid fis-suq ta' ħalib tat-trab għat-trabi li hu bbażat fuq l-idrosilati tal-proteina tax-xorrox ġejjin mill-proteina tal-ħalib tal-baqar jawtorizza t-tqegħid fis-suq tal-ħalib tat-trab għat-trabi skond l-ispeċifikazzjonijiet tal-kontenut tal-proteina, tas-sors, tal-ipproċessar u tal-kwalità li huma stipulati fl-Anness tiegħu. Din l-awtorizzazzjoni tiskadi fis-27 ta' Ottubru 2008.
- (6) Kif preskritt fir-Regolament (KE) Nru 1609/2006, id-Direttiva 2006/141/KE ttiprovdi għall-awtorizzazzjoni fuq bażi permanenti. L-Anness VI tad-Direttiva 2006/141/KE jistipula l-ispeċifikazzjonijiet għall-kontenut tal-proteini, għas-sors tal-proteini u għall-ipproċessar tal-proteini għall-formuli tal-ħalib tat-trab imsemmijin. Madankollu, il-kundizzjonijiet meħtieġa għall-kompożizzjoni partikolari li għandhom x'jaqsmu mal-kwalità tal-proteini ma kinux imdaħħlin f'dak l-Anness. In-nuqqas ta' dawn il-kundizzjonijiet jaf jimpedixxi t-tqegħid fis-suq tal-formoli tal-ħalib għat-trabi li huma magħmulin mill-idrolisati tal-proteina wara li jiskadi r-Regolament (KE) Nru 1609/2006.
- (7) L-ispeċifikazzjonijiet neqsin li jikkonċernaw il-kwalità tal-proteini, li kienu mdaħħlin fl-awtorizzazzjoni stipulata fir-Regolament (KE) Nru 1609/2006 għandhom jiżiedu mal-Anness VI tad-Direttiva 2006/141/KE. Dak l-Anness għandu għalhekk jiġi emendat skond dan.
- (8) Sabiex ma jkun hemm l-ebda interruzzjoni fis-suq, ta' formoli tal-ħalib tat-trab għat-trabi, dan ir-Regolament għandu japplika mit-28 ta' Ottubru 2008.
- (9) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

L-Annessi III u VI tad-Direttiva 2006/141/KE huma emendati skond l-Anness ta' dan ir-Regolament.

(<sup>1</sup>) ĠU L 186, 30.6.1989, p. 27.

(<sup>2</sup>) ĠU L 401, 30.12.2006, p. 1.

(<sup>3</sup>) ĠU L 299, 28.10.2006, p. 9.

*L-Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mit-28 ta' Ottubru 2008.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 12 ta' Diċembru 2008.

*Għall-Kummissjoni*  
Androulla VASSILIOU  
*Membri tal-Kummissjoni*

---

## ANNEX

L-Annessi III u VI huma emendati kif ġej:

- (1) Fis-Sezzjoni 3 tal-Anness III, is-sostanza msemmija hawn taħt hija mdaħħla fuq nett fil-lista msemmija "Aċti amini u komposti oħrajn tan-nitroġenu".

"L-arkinina-L u l-idrokloridrat tagħha" <sup>(1)</sup>

<sup>(1)</sup> L-arkinina-L u l-idrokloridu tagħha għandhom jintużaw biss fil-manufattura tal-formoli tal-ħalib tat-trab għat-trabi li huma msemmijin fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 7(1)."

- (2) Fl-Anness VI, il-punt 4 li ġej huwa miżjud:

**"4. Il-kwalità tal-proteini**

L-aċti amini indispensabbli u kondizzjonalment indispensabbli fil-ħalib tal-omm, espressi f'mg għal kull 100 kj u 100 kcal, huma li ġejjin:

	Għal kull 100 kj <sup>(1)</sup>	Għal kull 100 kcal
Arkinina	16	69
Ċistina	6	24
Istidina	11	45
Iżolewċina	17	72
Lewċina	37	156
Liżina	29	122
Mejjonina	7	29
Fenilalalina	15	62
Treonina	19	80
Triptofan	7	30
Tirosina	14	59
Valina	19	80

<sup>(1)</sup> 1 kj = 0,239 kcal."